**Kumpilazzjoni tax-xhieda (riformulazzjoni)**

Spanja

**L-Artikolu 2(1) - Awtoritajiet li jistgħu jitqiesu bħala qrati**

Mhux applikabbli.

**L-Artikolu 3(2) - Qrati rikjesti**

Imħallfin jew maġistrati.

Fis-sistema ġudizzjarja Spanjola, l-awtorità maħtura minn Spanja bħala l-awtorità riċeventi (Reġistri tal-Qorti u Servizzi Ċentrali (*Decanatos y Servicios comunes procesales*)) tgħaddi t-talba lill-awtorità kompetenti għall-kumpilazzjoni ta’ xhieda.

**L-Artikolu 4 - Korp ċentrali**

Il-korp ċentrali maħtur minn Spanja huwa s-Sottodirettorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Legali Internazzjonali fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja ( *Subdirección General de Cooperación Jurídica Internacional del Ministerio de Justicia*).

Is-Sottodirettorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Legali Internazzjonali

Il-Ministeru għall-Ġustizzja

C/San Bernardo, 62

28015 Madrid

Faks: +34 913904457

Posta elettronika: sgcji@mjusticia.es

rogatoriascivil@mjusticia.es

**L-Artikolu 6 - Lingwi aċċettati biex jimtlew il-formoli**

Spanja taċċetta talbiet u komunikazzjonijiet skont ir-Regolament li jkunu fformulati bl-Ispanjol jew bil-Portugiż.

**L-Artikolu 7 - Mezzi aċċettati għat-trażmissjoni ta’ talbiet u komunikazzjonijiet oħra**

Fir-rigward tal-mezzi ta’ riċeviment li huma attwalment disponibbli, il-qrati jistgħu jużaw mezzi tal-IT u mezzi diġitali sabiex jiġġestixxu talbiet u komunikazzjonijiet oħra. Fl-assenza ta’ mezzi elettroniċi, it-talbiet u d-dokumenti jiġu trażmessi u riċevuti bil-posta.

**L-Artikolu 19 - Korp ċentrali jew awtorità/awtoritajiet kompetenti responsabbli għal deċiżjonijiet dwar talbiet għal kumpilazzjoni ta’ xhieda diretta**

L-imħallfin u l-maġistrati tal-qrati kompetenti fil-post fejn ikollha ssir il-kumpilazzjoni ta’ xhieda huma responsabbli għad-deċiżjonijiet dwar talbiet għall-kumpilazzjoni diretta ta’ xhieda.

**L-Artikolu 29 - Ftehimiet jew arranġamenti li għalihom l-Istati Membri huma partijiet u li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet fl-Artikolu 29(2)**

Ma hemmx kummenti.

**L-Artikolu 31(4) - Notifika dwar l-użu bikri tas-sistema tal-IT deċentralizzata**

Ma hemmx kummenti.

L-aħħar aġġornament: 26/02/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.